IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2025
COM(2025) 471 final

2025/0261 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fis-27 ta' Lulju 2025, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti laħqu ftehim politiku fir-rigward tar-relazzjoni kummerċjali tagħhom u fil-21 ta' Awwissu 2025 ħarġu Dikjarazzjoni Konġunta li ħabbret il-Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar Ftehim dwar Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat ("Dikjarazzjoni Konġunta"). B'riżultat ta' dan, l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jimmodifikaw ċerti tariffi applikabbli għall-importazzjonijiet tal-Unjoni f'konformità ma' dak il-ftehim politiku, filwaqt li jnaqqsu r-rata applikabbli għal rata massima ta' 15 %. L-ordni Eżekuttiva tal-Istati Uniti (14326) tal-31 ta' Lulju 2025 timplimenta dan l-impenn mis-7 ta' Awwissu 2025. Mill-1 ta' Settembru 2025, l-Istati Uniti se japplikaw ukoll it-tariffa tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (MFN, most-favoured nation) għal ċerti prodotti tal-Unjoni bħar-riżorsi naturali mhux disponibbli (inkluż is-sufra), l-inġenji tal-ajru u l-partijiet kollha tal-inġenji tal-ajru, il-farmaċewtiċi ġeneriċi u l-ingredjenti u l-prekursuri kimiċi tagħhom. L-Unjoni u l-Istati Uniti se jikkunsidraw ukoll setturi u prodotti oħra li huma importanti għall-ekonomiji u l-ktajjen tal-valur tagħhom għall-inklużjoni fil-lista ta' prodotti li għalihom japplikaw biss it-tariffi tal-MFN. L-Unjoni u l-Istati Uniti għandhom l-intenzjoni li din id-Dikjarazzjoni Konġunta tkun l-ewwel pass fi proċess li jista' jiġi estiż aktar maż-żmien biex ikopri oqsma addizzjonali u jkompli jtejjeb l-aċċess għas-suq u jżid ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tagħhom.

Bħala parti mill-ftehim politiku, u kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-21 ta' Awwissu 2025, l-Unjoni esprimiet l-intenzjoni li telimina t-tariffi fuq il-prodotti industrijali kollha li joriġinaw mill-Istati Uniti u li tipprovdi aċċess preferenzjali għas-suq għal ċerti prodotti tal-frott tal-baħar u dawk agrikoli.

Biex tavvanza l-implimentazzjoni tal-impenji politiċi tal-Unjoni, l-objettiv ta' din il-proposta huwa li tipprevedi n-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq il-prodotti industrijali kollha li joriġinaw mill-Istati Uniti u tipprovdi t-trattament preferenzjali tal-aċċess għas-suq għal ċerti prodotti tal-frott tal-baħar u agrikoli li joriġinaw mill-Istati Uniti.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Ir-Regolament propost joħloq opportunitajiet addizzjonali għall-operaturi tal-Unjoni u tal-Istati Uniti minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni jew it-tnaqqis tad-dazji doganali u jevita d-deterjorament tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti. Dan huwa kompletament konsistenti mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jistipula li l-UE għandha tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, inkluż permezz tal-abolizzjoni progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali[1].

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni.

[1] L-Artikolu 21(2)(e) TUE.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-unjoni doganali u l-politika kummerċjali komuni huma elenkati fost l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni fl-Artikolu 3 tat-TFUE. Din il-politika tinkludi n-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali u l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali inkluż tnaqqis fit-tariffi skont, *inter alia*, l-Artikolu 207 TFUE.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tal-Kummissjoni hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u meħtieġa fid-dawl tal-objettiv li jiġi evitat id-deterjorament tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fid-dawl tal-impenn politiku bejn il-President tal-Kummissjoni von der Leyen u l-President Trump tas-27 ta' Lulju 2025 u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-21 ta' Awwissu 2025, kif ukoll il-ħtieġa li nimxu 'l quddiem malajr bl-implimentazzjoni tal-ftehim politiku, il-proċess formali tal-valutazzjoni tal-impatt ġie rrinunzjat.

L-implimentazzjoni fil-pront tal-impenji tal-Unjoni dwar l-aċċess għas-suq, bħala riżultat tal-ftehim politiku u d-Dikjarazzjoni Konġunta, se tkun ta' benefiċċju għall-importaturi u l-kumpaniji tal-Unjoni kif ukoll għall-konsumaturi. L-implimentazzjoni rapida tal-Unjoni bħala parti mill-ftehim politiku mal-Istati Uniti hija imperattiva biex tiġi stabbilizzata r-relazzjoni kummerċjali u jissaħħu l-impenji meħuda kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-Istati Uniti, filwaqt li jiġi żgurat li l-operaturi tal-Unjoni jżommu pożizzjoni kompetittiva fis-suq tal-Istati Uniti.

L-impenji tal-Unjoni skont id-Dikjarazzjoni Konġunta jinkludu l-għoti ta' tnaqqis tariffarju preferenzjali għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti. Dan jikkonsisti f'nuqqas ta' applikazzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati

Uniti. Minbarra t-trattament diġà mingħajr dazju ta' ċerti prodotti industrijali, li jkopru 66 % tal-prodotti industrijali totali li joriġinaw mill-Istati Uniti fl-2024, skont dan ir-Regolament id-dazji doganali se jiġu sospiżi għall-prodotti industrijali li jifdal, li jirrappreżentaw 34 % tal-importazzjonijiet tal-prodotti industrijali fl-2024. Għall-prodotti tal-frott tal-baħar u agrikoli, huwa propost li jiġi pprovdut aċċess preferenzjali għas-suq għal prodotti agrikoli mhux sensittivi biss, fejn ikun hemm interess tal-Unjoni li jiġu ffaċilitati l-importazzjonijiet. Dan isir permezz ta' liberalizzazzjoni parzjali għal ċerti prodotti agrikoli u permezz ta' kwoti tariffarji.

Fir-rigward tal-implikazzjonijiet diġitali tar-Regolament, il-proposta tikkonċerna l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti. Filwaqt li l-proposta tiddependi fuq mezzi diġitali għall-implimentazzjoni tal-proċeduri introdotti, ma tintroduċi l-ebda rekwiżit vinkolanti speċifiku li jawtorizza l-użu tagħhom. Il-proċeduri proposti jiddependu kompletament fuq is-sistemi tekniċi u diġitali diġà fis-seħħ u l-proposta ma timplika l-ebda modifika fir-rigward ta' dawn is-sistemi. Abbażi ta' dan, din l-inizjattiva ta' politika hija vvalutata bħala li ma għandha l-ebda rekwiżit ta' rilevanza diġitali. Il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" jitqies sa fejn ikun possibbli, jiġifieri permezz tar-rikonoxximent ta' mezzi diġitali bħala validi fid-dawl ta' din il-proposta."

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-Regolament propost huwa konsistenti mat-Trattati u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea minħabba li r-regolament propost ma jillimita l-eżerċizzju tal-ebda dritt fundamentali, bħal-libertà tax-xogħol professjonali, peress li d-dazji fuq l-importazzjoni jitnaqqsu biss, u mhux jiżdiedu. Fejn ir-regolament propost inaqqas id-dazji tal-importazzjoni fuq ċerti prodotti, iżda mhux oħrajn, jew jiftaħ kwoti tariffarji, l-għażla ssir taħt bażi legali xierqa. Fejn ir-regolament propost jagħti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tissospendi t-tnaqqis tad-dazji fuq l-importazzjoni jew il-kwoti tariffarji, din is-sospensjoni terġa' ddaħħal is-sitwazzjoni legali eżistenti qabel l-adozzjoni tar-regolament propost.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-liberalizzazzjoni kontinwa tat-tariffi industrijali, kif ukoll għall-prodotti agrikoli u tal-frott tal-baħar mhux sensittivi, se jkollha impatt negattiv limitat fuq il-baġit tal-Unjoni fil-forma ta' dazji doganali mitlufa minħabba l-liberalizzazzjoni tat-tariffi għall-prodotti koperti mil-linji tariffarji fl-anness għal dan ir-regolament propost.

Meta wieħed iqis is-sena 2024 bħala referenza, l-impatt globali stmat li jirriżulta mid-dazji mitlufa mit-tariffi sospiżi fuq merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti fuq il-baġit tal-Unjoni huwa ta' EUR 3.6 biljun[2]. B'mod ġenerali, hemm tliet kategoriji ta' oġġetti: Prodotti agrikoli, prodotti tal-frott tal-baħar, u prodotti industrijali. Għall-prodotti agrikoli, it-telf kumplessiv stmat tad-dħul doganali huwa ta' EUR 230 miljun, li jirriżulta kemm mil-liberalizzazzjonijiet kif ukoll mis-sistemi tal-Kwoti tar-Rata Tariffarja. Għalhekk, it-telf għall-baġit tal-Unjoni

[2] Il-valur tad-dazji mitlufa ġie kkalkulat billi l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti li bħalissa huma soġġetti għal tariffi jiġu mmultiplikati bir-rata ta' dazju medja ponderata għall-kummerċ. Hemm distinzjoni bejn id-dazji totali mitlufa u t-telf ta' dħul għall-baġit tal-Unjoni, peress li l-Istati Membri huma intitolati li jżommu 25 % tad-dazji miġbura bħala kumpens għall-ispejjeż tal-ġbir.

huwa stmat għal EUR 172,5 miljun. Għall-prodotti tal-frott tal-baħar mill-Istati Uniti, it-telf totali stmat tad-dħul mid-dazji mitlufa jammonta għal EUR 63 miljun, li jfisser li t-telf stmat għall-baġit tal-Unjoni jammonta għal madwar EUR 47 miljun. Għall-prodotti industrijali mill-Istati Uniti, id-dħul stmat minn dazji mitlufa jammonta għal EUR 4,6 biljun, li jimplika telf għall-baġit tal-Unjoni ta' EUR 3,4 biljun.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jipprevedi l-aġġustament tad-dazji doganali għall-merkanzija elenkata fl-Annessi I sa II ta' dan ir-Regolament li tiġi importata fl-Unjoni u li toriġina mill-Istati Uniti.

L-Artikolu 1 jipprevedi wkoll l-introduzzjoni ta' sistema ta' liberalizzazzjoni parzjali għal ċerti oġġetti elenkati fl-Annessi II tar-Regolament propost li jiġu importati fl-Unjoni u li joriġinaw mill-Istati Uniti.

L-Artikolu 2 jipprevedi l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta' oġġetti elenkati fl-Anness III tar-Regolament propost li jiġu importati fl-Unjoni u li joriġinaw mill-Istati Uniti. Huwa jiddeskrivi s-sistema tal-kwoti tariffarji kif indikat fl-Anness III, li tipprovdi r-rati tad-dazju speċifiċi tal-kwota, il-volumi tal-kwoti għal dik il-merkanzija u l-ġestjoni ta' dawk il-kwoti.

L-Artikolu 3 jipprevedi s-sospensjoni, sħiħa jew parzjali, tal-aġġustament tad-dazji doganali msemmija fl-Artikolu 1 u l-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 2 fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 3. Huwa jispeċifika li sospensjoni hija soġġetta għall-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċeduri rilevanti.

L-Artikolu 4 jipprovdi l-proċedura tal-Kumitat li għandha tiġi segwita għal tali sospensjoni tal-aġġustament tad-dazji doganali, il-liberalizzazzjoni parzjali u l-kwoti tariffarji.

L-Artikolu 5 jipprevedi r-regoli applikabbli biex tiġi ddeterminata l-oriġini ta' oġġett.

L-Artikolu 6 jipprovdi dettalji dwar id-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost.

2025/0261 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aġġustament tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka (l-"Istati Uniti") għandhom l-iktar relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bilaterali kbira u profonda fid-dinja u għandhom ekonomiji integrati ħafna. Il-kummerċ bidirezzjonali totali bejniethom kellu valur ta' aktar minn EUR 1,6 triljun fl-2024. Din is-sħubija profonda u komprensiva hija sostnuta minn investiment reċiproku sinifikanti fis-swieq ta' xulxin b'valur ta' madwar EUR 5,3 triljun.

(2) Fil-21 ta' Awwissu 2025, l-Unjoni u l-Istati Uniti ħarġu Dikjarazzjoni Konġunta dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar il-Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat (id-"Dikjarazzjoni Konġunta")[1]. Bħala riżultat, l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li b'mod immedjat jimmodifikaw ċerti tariffi applikabbli għall-importazzjonijiet tal-Unjoni f'konformità ma' dak il-ftehim politiku, u naqqsu r-rata applikabbli għal rata massima ta' 15 %. L-Ordni Eżekuttiva tal-Istati Uniti (14326) tal-31 ta' Lulju 2025 tirrifletti dak l-impenn mis-7 ta' Awwissu 2025. Mill-1 ta' Settembru 2025, l-Istati Uniti se japplikaw ukoll it-tariffa tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (MFN, most-favoured nation) għal ċerti prodotti tal-Unjoni bħar-riżorsi naturali mhux disponibbli (inkluż is-sufra), l-inġenji tal-ajru u l-partijiet kollha tal-inġenji tal-ajru, il-farmaċewtiċi ġeneriċi u l-ingredjenti u l-prekursuri kimiċi tagħhom. L-Unjoni u l-Istati Uniti jimpenjaw ruħhom li jikkunsidraw ukoll setturi u prodotti oħra li huma importanti għall-ekonomiji u l-ktajjen tal-valur tagħhom għall-inklużjoni fil-lista ta' prodotti li għalihom japplikaw biss it-tariffi tal-MFN.

(3) L-Unjoni u l-Istati Uniti għandhom l-intenzjoni li d-Dikjarazzjoni Konġunta tkun l-ewwel pass fi proċess li jista' jiġi estiż aktar maż-żmien biex ikopri oqsma

[1] Dikjarazzjoni Konġunta dwar qafas bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar ftehim dwar kummerċ reċiproku, ġust u bbilanċjat - Kummissjoni Ewropea, link: https://policy.trade.ec.europa.eu/news/joint-statement-united-states-european-union-framework-agreement-reciprocal-fair-and-balanced-trade-2025-08-21_en

addizzjonali u jkompli jtejjeb l-aċċess għas-suq u jżid ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tagħhom.

(4) L-Unjoni impenjat ruħha li telimina t-tariffi fuq il-prodotti industrijali kollha tal-Istati Uniti u li tipprovdi aċċess preferenzjali għas-suq għal firxa wiesgħa ta' prodotti tal-frott tal-baħar u agrikoli tal-Istati Uniti, inklużi l-ġewż tas-siġar, il-prodotti tal-ħalib, il-frott u l-ħxejjex friski u pproċessati, l-ikel ipproċessat, iż-żrieragħ għat-tħawwil, iż-żejt tal-fażola tas-sojja, u l-laħam tal-majjal u tal-biżonti. L-Unjoni u l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jinnegozjaw regoli tal-oriġini li japplikaw għal dawn il-benefiċċji kummerċjali.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni taġġusta d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti u tiftaħ kwoti tariffarji għall-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti, filwaqt li tadotta miżuri tariffarji preferenzjali kif imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

(6) Jenħtieġ li d-dazji doganali aġġustati u l-kwoti tariffarji japplikaw sakemm l-Istati Uniti jkunu qed jimplimentaw b'mod effettiv id-Dikjarazzjoni Konġunta.

(7) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tissospendi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'ċirkostanzi speċifiċi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

(8) L-oriġini ta' oġġett jenħtieġ li tiġi ddeterminata f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari, l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, sakemm ikunu ġew adottati regoli dwar l-oriġini preferenzjali kif imsemmija fl-Artikolu 64(2) u (3) ta' dak ir-Regolament biex jiġi implimentat l-eżitu tan-negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini msemmija fid-Dikjarazzjoni Konġunta.

(9) Fid-dawl tal-importanza li jiġi evitat tfixkil fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Aġġustament tad-dazji doganali

1. Id-dazji doganali applikabbli tat-Tariffa Doganali Komuni fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fl-Anness I u li joriġinaw mill-Istati Uniti għandhom ikunu ta' 0 %.

2. Il-komponent *ad valorem* tat-Tariffa Doganali Komuni ma għandux jiġi applikat fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness II u li joriġinaw mill-Istati Uniti. Id-dazju speċifiku fuq merkanzija oriġinarja

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

skattat f'sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa' taħt il-prezz tad-dħul għandu jinżamm.

Artikolu 2

Ftuħ ta' kwoti tariffarji

1. Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni ("kwoti") għandhom jinfetħu għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness III u li joriġinaw mill-Istati Uniti.

2. Fi ħdan il-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dazji preferenzjali msemmija fl-Artikolu 56(2), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom ikunu r-rati tad-dazju stabbiliti fil-kolonna "rata fil-kwota" u sal-volumi tal-kwota aggregata indikati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Il-volumi tal-kwota aggregata għal kull kwota għandhom idumu għal perjodi ta' 12-il xahar li jibdew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stabbiliti fl-Anne III ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għar-rati tal-kwoti tariffarji previsti fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447[4].

Artikolu 3

Sospensjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew l-Artikolu 2 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   (a) fejn l-Istati Uniti jonqsu milli jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta jew inkella jimminaw l-objettivi segwiti mid-Dikjarazzjoni Konġunta, jew jimminaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-suq tal-Istati Uniti, jew b'xi mod ieħor ifixklu r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;

   (b) fejn ikun hemm biżżejjed indikazzjonijiet li l-Istati Uniti se jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) fil-futur;

   (c) fejn l-aġġustament tad-dazji doganali msemmija fl-Artikolu 1, jew il-ftuħ ta' kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 2, jirriżulta fl-importazzjoni ta' oġġett li joriġina fl-Istati Uniti f'tali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika, u taħt tali kundizzjonijiet li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija domestika tal-Unjoni;

   (d) fejn tkun seħħet bidla fiċ-ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta' dawk eżistenti fiż-żmien meta nħarġet id-Dikjarazzjoni Konġunta.

   Dak l-att ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4(2).

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

2. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 5

Regoli tal-oriġini

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-oriġini ta' oġġett għandha tiġi ddeterminata skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, sakemm jiġu adottati regoli dwar l-oriġini preferenzjali kif imsemmija fl-Artikolu 64(2) u (3) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[5] Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (kodifikazzjoni) (ĠU L 272, ELI: *http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1843/oj*).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3
1.3. Objettiv(i) 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 7
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 7
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 7
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 7
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 7
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 7
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 7
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 8
3.1. Isem il-proposta 8

3.2. Linji baġitarja 8

3.3. Impatt finanzjarju 8

4. RIMARKI OĦRA 9

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1,1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġġustament tad-dazji doganali għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u li jiftaħ kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Kummerċ

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Jinżammu opportunitajiet addizzjonali għall-operaturi tal-Unjoni u tal-Istati Uniti u jiġi evitat id-deterjorament tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-Istati Uniti billi jżommu t-tariffi mhux applikati jew imnaqqsa.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru

Jiġu aġġustati d-dazji doganali u jinfetħu kwoti tariffarji awtonomi għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti biex jiġu implimentati l-impenji tal-Unjoni bħala parti mill-ftehim politiku bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-31 ta' Lulju 2025 u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-21 ta' Awwissu 2025.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-riżultat mistenni huwa n-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali permezz tas-sospensjoni tat-tariffi fuq il-prodotti industrijali kollha li joriġinaw mill-Istati Uniti u l-għoti ta' aċċess preferenzjali għas-suq għal xi prodotti tal-frott tal-baħar u agrikoli. Dan it-tnaqqis tariffarju preferenzjali huwa parti mill-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-impenji tagħha dwar l-aċċess għas-suq li jirriżultaw mill-ftehim politiku u mid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-31 ta' Lulju 2025 u tal-21 ta' Awwissu 2025, rispettivament. Dawn jikkonsistu fl-għoti ta' trattament mingħajr dazju lill-prodotti industrijali li jifdal li għadhom mhumiex soġġetti għal trattament mingħajr dazju, li jirrappreżentaw 34 % tal-importazzjonijiet industrijali fl-2024. Għall-prodotti tal-frott tal-baħar u agrikoli, huwa propost li jiġi pprovdut aċċess preferenzjali għas-suq għal prodotti agrikoli mhux sensittivi biss, fejn ikun hemm interess tal-Unjoni li jiġu ffaċilitati l-importazzjonijiet, permezz ta' liberalizzazzjoni parzjali għal ċerti importazzjonijiet agrikoli kif ukoll permezz ta' TRQs (Tariff Rate Quotas). L-implimentazzjoni rapida tal-Unjoni bħala parti mill-ftehim politiku mal-Istati Uniti hija mistennija li tistabbilizza r-relazzjoni kummerċjali u ssaħħaħ l-impenji li saru kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-Istati Uniti biex jiġi żgurat li d-ditti tal-Unjoni jżommu pożizzjoni kompetittiva fis-suq tal-Istati Uniti.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Mhux applikabbli peress li l-uniku objettiv huwa l-aġġustament tad-dazji doganali għal ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☑ **azzjoni ġdida**

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[8]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-adozzjoni tar-Regolament propost skont il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost għandhom jiġu segwiti fl-iqsar żmien possibbli.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-unjoni doganali u l-politika kummerċjali komuni huma elenkati fost l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni fl-Artikolu 3 tat-TFUE. Din il-politika tinkludi n-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali u l-adozzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali inkluż tnaqqis fit-tariffi skont, *inter alia*, l-Artikolu 207 TFUE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Iffaċċjati bil-livell bla preċedent ta' tariffi unilaterali tal-Istati Uniti li jaffettwaw madwar 70 % tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Istati Uniti, u l-investigazzjonijiet li għaddejjin tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti li jaffettwaw madwar 97 % tal-esportazzjoni tal-UE lejn l-Istati Uniti jekk jiġu imposti tariffi, l-għoti ta' impenji ta' aċċess preferenzjali għas-suq huwa imperattiv biex tiġi stabbilizzata r-relazzjoni kummerċjali mal-Istati Uniti kif previst fil-ftehim politiku li ntlaħaq fis-27 ta' Lulju 2025. F'konformità mal-impenji tagħhom stess skont il-ftehim politiku, l-Istati Uniti diġà implimentaw rata massima li tinkludi l-15 % miftiehma għall-biċċa l-kbira tal-oġġetti soġġetti għal tariffi reċiproċi tal-Istati Uniti permezz ta' Ordni Eżekuttiva maħruġa fl-31 ta' Lulju effettiva mis-7 ta' Awwissu 2025. L-implimentazzjoni tar-Regolament propost għalhekk se ssaħħaħ l-impenji tal-ftehim politiku tas-27 ta' Lulju 2025 u tmexxi l-implimentazzjoni tiegħu 'l quddiem.

[8] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Mhux applikabbli

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Mhux applikabbli

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☑ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2025 sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat/i

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew

minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

Mhux applikabbli

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Mhux applikabbli peress li dan huwa aġġustament tad-dazji doganali għal ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Mhux applikabbli peress li dan huwa aġġustament tad-dazji doganali għal ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Mhux applikabbli peress li dan huwa aġġustament tad-dazji doganali għal ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Mhux applikabbli peress li dan huwa aġġustament tad-dazji doganali għal ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Mhux applikabbli peress li dan huwa aġġustament tad-dazji doganali għal ċerta merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti u l-ftuħ ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Isem il-proposta

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġġustament tad-dazji doganali għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka u li jiftaħ kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka

3.2. Linji baġitarja

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita):

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: EUR 21 082 004 566

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

3.3. Impatt finanzjarju

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☑ **Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul**

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul[9]	Perjodu ta' XX xhur li jibda minn jj/xx/ssss *(jekk japplika)*	Sena N
Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120–Dazji doganali u dazji oħra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom	-EUR 12-il biljun	Perjodu ta' 4 xhur, li jibda mill-1 ta' Settembru 2025	2025

Sitwazzjoni wara l-azzjoni

[9] F'każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Linja tad-dħul	2026	2027	2028	2029	2030
Kapitolu 12, l-Artikolu 120	-EUR 3,9 biljun	-EUR 3,9 biljun	-EUR 3,9 biljun	-EUR 3,9 biljun	-EUR 3,9 biljun

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja bażitarja tkun diġà magħrufa):

Linja tan-nefqa[10]	Sena N	Sena N+1
Kapitolu/Artikolu/Partita …		
Kapitolu/Artikolu/Partita …		

Linja tan-nefqa	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/Partita …				
Kapitolu/Artikolu/Partita …				

4. RIMARKI OĦRA

Il-valur tad-dazji mitlufa ġie kkalkulat billi l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti li bħalissa huma soġġetti għal tariffi jiġu mmultiplikati bir-rata ta' dazju medja ponderata għall-kummerċ. Hemm distinzjoni bejn id-dazji totali mitlufa u t-telf ta' dħul għall-bażit tal-Unjoni, peress li l-Istati Membri huma intitolati li jżommu 25 % għad-dazji miġbura bħala kumpens għall-piż amministrattiv.

[10] Tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.